

Brussell, 13 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

8793/22

CYBER 154
COPEN 162
JAI 594
COPS 191
RELEX 589
JAIEX 45
TELECOM 190
POLMIL 101
CFSP/PESC 605
ENFOPOL 235
DATAPROTECT 132

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għal konvenzjoni internazzjonali komprensiva dwar il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal finijiet kriminali

1. Fid-29 ta' Marzu 2022¹, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat abbozz ta' Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza n-negozjati għal konvenzjoni internazzjonali komprensiva dwar il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal finijiet kriminali.

¹ COM (2022) 132 Final

2. L-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat ir-Riżoluzzjoni 73/187 tas-17 ta' Diċembru 2018 intitolata "*Il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal finijiet kriminali*"². Sussegwentement, fis-27 ta' Diċembru 2019, adottat it-tieni riżoluzzjoni, 74/247, dwar l-istess suġġett, li permezz tagħha twaqqaf kumitat intergovernattiv speċjali miftuħ ta' esperti (il-"kumitat speċjali"), inkarigat mit-tfassil ta' konvenzjoni internazzjonali ġenerali dwar il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal finijiet kriminali. Fis-26 ta' Mejju 2021, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat ir-Riżoluzzjoni 75/282 li stabbiliet il-modalitajiet tan-negozjati³. Iddeċidiet, fost affarijiet oħra, li l-Kumitat Speċjali għandu jorganizza mill-inqas sitt sessjonijiet, kull waħda ddum 10 ijiem, minn Jannar 2022 'il quddiem, kif ukoll sessjoni ta' għeluq waħda sabiex jippreżenta abbozz ta' Konvenzjoni lill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-tmienja u sebgħin sessjoni tagħha fl-2024.
3. Fit-22 ta' Marzu 2021⁴, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali. F'dawn il-konklużjonijiet, u b'mod partikolari l-paragrafu 23 tagħhom, il-Kunsill issottolinja li huwa "jappoġġa u jippromwovi l-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità u l-ħidma li għaddejja fuq it-Tieni Protokoll Addizzjonali għal dik il-Konvenzjoni." Barra minn hekk, ikompli jieħu sehem fi skambji multilaterali dwar iċ-ċiberkriminalità, inkluż fi proċessi relatati mal-Kunsill tal-Ewropa, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Drogi u l-Kriminalità (UNODC) u l-Kummissjoni għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità u l-Ġustizzja Kriminali (CCPCJ), biex tiġi żgurata kooperazzjoni internazzjonali msaħħa fil-ġlieda kontra iċ-ċiberkriminalità, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-għarfien tekniku u jiġi appoġġat it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, filwaqt li jiġu rrispettati, promossi u protetti d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

² Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2018, [A/RES/73/187](#).

³ Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tas-26 ta' Mejju 2021, [A/RES/75/282*](#).

⁴ 6722/21

4. Fil-21 ta' Ottubru 2021⁵, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) approva l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għall-ewwel sessjoni tan-negozjati, li saret mit-28 ta' Frar sal-11 ta' Marzu fi New York. Filwaqt li qies l-eżitu ta' din il-laqgħa, fil-5 ta' April 2022 il-COREPER approva l-kontribut bil-miktub tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għad-diskussjonijiet tal-Kumitat Speċjali, mistenni fit-8 ta' April 2022 bil-ħsieb tat-tieni sessjoni ta' negozjati fi Vjenna mit-30 ta' Mejju sal-10 ta' Ġunju 2022.⁶
5. Il-Konvenzjoni internazzjonali komprensiva l-ġdida tista' taffettwa diversi regoli komuni tal-Unjoni jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Sabiex tiġi protetta l-integrità tad-dritt tal-Unjoni u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tar-regoli tad-dritt internazzjonali u tal-Unjoni, huwa meħtieġ li, flimkien mal-Istati Membri, il-Kummissjoni tipparteċipa, għall-kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, kif definit mit-Trattati u li għalihom l-Unjoni adottat regoli, fin-negozjati dwar konvenzjoni internazzjonali komprensiva ġdida dwar il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal finijiet kriminali.
6. Wara l-laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI dwar l-evidenza elettronika fil-11 ta' Mejju 2022 u l-konsultazzjoni informali bil-miktub sussegwenti, id-delegazzjonijiet qablu dwar it-test tal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill, b'xi modifiki. It-testi li rriżultaw minn din il-laqgħa jinsabu fid-dokumenti 9058/22 + ADD 1.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
 - Jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill msemmi hawn fuq, kif jinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi-lingwisti, fid-dokument 8796/22;

⁵ 11925/2/21 REV 2.

⁶ 7727/22

- Jadotta l-addendum għad-dokument 8796/22 li fih id-direttivi ta' negozjati relatati;
 - Jiddeċiedi li jgħarraf lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija hawn skont l-Artikolu 218(10) TFUE;
 - Jiddeċiedi li jibgħat it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill adottata lill-Parlament Ewropew; u
 - Jiddeċiedi li eċċezzjonalment jibgħat lill-Parlament Ewropew it-test tad-direttivi ta' negozjati adottati, annessi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill.
-